**Kif nista' nżomm ruħi aġġornat/a dwar l-ugwaljanza u d-diskriminazzjoni?**

L-NCPE:

- Tipparteċipa fi programmi lokali tar-radju u tat-televiżjoni
- Tippubblika artikli fuq il-gazzetti, stqarrijiet għall-istampa, u *newsletters*
- Torganizza kif ukoll tattendi konferenzi
- Hija attiva fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali tal-NCPE – Facebook, Instagram, u Twitter



Jekk tixtieq tkun inkluż/a fil-**mailing list tal-NCPE** sabiex tirċievi stediniet għall-avvenimenti tal-NCPE u informazzjoni rilevanti oħra, ibgħat email fuq equality@gov.mt



NCPE

**Kif tista' tikkuntattja l-NCPE?**


Gattard House, National Road, Blata l-Bajda HMR 9010

2276 8200

equality@gov.mt

ncpe.gov.mt


**NCPE.Malta**



# Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza



## X'inhu x-xogħol tal-NCPE?

L-NCPE taħdem biex tindirizza l-bżonnijiet diversi tal-individwi fis-soċjetà Maltija billi tippromwovi d-drittijiet ugwali għal kulħadd biex telimina d-diskriminazzjoni minħabba karatteristiċi protetti differenti fil-kompetenza tagħha.



## X'inhuma l-karatteristiċi protetti li l-NCPE tkopri?

- sess/ġeneru u responsabbiltajiet li ġġib il-familja
- orjentazzjoni sesswali
- età
- reliġjon jew twemmin
- oriġini etnika jew razzjali
- identità tal-ġeneru, espressjoni tal-ġeneru jew karatteristiċi tas-sess

fl-impjieg, fil-banek u fl-istituzzjonijiet finanzjarji, kif ukoll fl-edukazzjoni

- oriġini etnika jew razzjali
- ġeneru

fl-aċċess għal oġġetti jew servizzi u l-provvista tagħhom

- il-libertà ta' moviment għall-ħaddiema fl-UE

## X'nista' nagħmel jekk niġi diskriminat/a?

- Ibgħat ilment lill-NCPE (jekk meħtieġ, l-NCPE tista' tgħinek timla l-Formola tal-Ilmenti)
- L-ilmenti huma kunfidenzjali
- Żur il-websajt tal-NCPE biex tniżżel il-Formola tal-Ilmenti minn https://ncpe.gov.mt/mt/complaints/
- Għal aktar informazzjoni dwar il-proċedura tal-ilmenti, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-NCPE.



## Fejn nista' nitgħallem aktar dwar l-ugwaljanza u d-diskriminazzjoni?

- L-NCPE tagħti taħriġ meta mitluba fuq firxa ta' suġġetti b'rabta mal-ugwaljanza, id-diversità u n-nondiskriminazzjoni.
- L-NCPE twieġeb għal talbiet speċifiċi għall-informazzjoni
- L-NCPE tippubblika riċerki dwar suġġetti li huma rilevanti.

## X'inhi l-Marka tal-Ugwaljanza?

- **Il-Marka tal-Ugwaljanza tal-NCPE** hija ċertifikazzjoni li tingħata lil kumpaniji/organizzazzjonijiet li jpoġġu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala waħda mill-valuri tagħhom u li l-ġestjoni tagħhom tkun ibbażata fuq ir-rikonoxximent u l-promozzjoni tal-potenzjal tal-impjegati kollha irrispettivament mill-ġeneru u r-responsabbiltajiet ta' kura tagħhom.
- Iċ-ċertifikazzjoni tal-Marka tal-Ugwaljanza tista' tiġġedded wara perjodu ta' sentejn.
- **Eliġibilità**: Entitajiet privati u pubbliċi.

NCPE
EQUALITY CERTIFIED

## X'inhu d-Direttorju ta' Nisa Professjonisti?

- Id-**Direttorju ta' Nisa Professjonisti** jagħti viżibbiltà u aktar opportunitajiet lil nisa professjonali u kompetenti għall-ħatra fuq bordijiet u kumitati, u/jew biex jiksbu pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet fis-suq tax-xogħol.
- **Eliġibilità** - nisa b'5 snin esperjenza f'pożizzjoni ta' teħid ta' deċiżjonijiet/maniġment; u/jew 10 snin kompetenza speċjalizzata f'qasam partikolari.